MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 6/2007

Maltacom plc [C 22334]

vs

Joseph Sultana [ID. 86547(G)]

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' elf mija u tlieta u erbghin lira Maltin u centezmu [Lm1,143.01] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21565071 [A/C no. 10225725) skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet u d-drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fl-10 ta’ Marzu 2007, u baqa’ ma dahhal ebda risposta, u ghalhekk it-terminu moghti mill-ligi ghar-risposta ghadda.

Billi ghalkemm innotifikat regolarment il-konvenut baqa’ ma deherx ghall-udjenza tat-tmintax (18) ta’ April 2007, ghal liema gurnata kienet appuntata l-kawza, u wkoll wara li l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi, l-konvenut baqa’ xorta wahda ma deherx, u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehera tieghu.

Fl-istess udjenza tat-tmintax (18) ta’ April 2007, sama’ lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu u li l-konvenut ghadu ma hallas xejn minnu.

Fuq talba tal-kumpanija attrici gew allegati l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet fuq imsemmija [Avviz numru 35/2006] deciza fl-24 ta’ Jannar 2007.

Fl-udjenza wkoll tat-18 ta’ April 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, baqa’ ma deherx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ikkunsidra li t-talba tal-attur hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut Joseph Sultana sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u tlieta u erbghin lira Maltin u centezmu [Lm1,143.01], ammont dovut bhala hlas li l-konvenut halla pendenti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21565071 [A/C no. 10225725), bl-imghax legali b’effett mill-24 ta’ Jannar 2007 sad-data tal-eventwali hlas effettiv,

u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------